*KRONAKA*

# IT-TIENI PRESIDENT TA' L-GHAQDA MFAKKAR

## IRĦAMA MAD-DAR FEJN TWIELED DUN KARM

Kien imissha ilha li saret l-irħama mad-dar fejn twieled il-poeta Nazzjonali DUN KARM. Xieraq li saret mill-ewwel wara mewtu, imma kif jiġri dejjem ħadd ma jieħu l-inizjativa u l-ħafna idejiet imorru mar-riħ. Imma, Ġużè Cardona, is-Segretarju Propaganda tagħna waħħal f'moħħu li jsir xi ħaġa u kiteb lill-Kumitat Ċiviku ta' raħal twelid Dun Karm u lill-benefattriċi Karmen Mikallef Buħaġar u b'hekk il-ħsieb ta' l-irħama seħħ.



Fis-17 ta' Ottubru, lejlet jum twelid il-Poeta, il-Kumitat Ċiviku ta' Ħaż-Żebbuġ imsieħeb mill-Għaqdiet tal-Belt Rohan bil-bandalori u l-istendardi nġabru fuq iz-zuntier tal-Parroċċa fl-10.15 a.m. biex flimkien mal-mistednin u ma' rappreżentanza tal-Għaqdiet tal-Malti jmorru quddiem id-dar fejn twieled Dun Karm. Il-korteo nfetaħ mill-Brigata tas-Sależjani.

Kien jum ta' xita u temp mill-agħar, ħaġa li naqqset ħafna mill-għadd tal-Kumitati ta' l-Għaqdiet tal-Malti, imma kien ħanin mal-miġemgħa għax ix-xita waqfet tul iċ-ċerimonja kollha u reġgħet bdiet kif intemmet.

L-Arċipriet ta' Ħaż-Żebbuġ Dun Lawrenz Cachia fetaħ iċ-ċerimonja billi fakkar għalfejn Żebbuġin u Maltin kienu ltaqgħu hemm f'dak il-jum u mbagħad stieden lis-Sur Ġużè Cardona, B.A. Hons biex ifiehem x'kien li wassal għat-twaħħil ta' l-irħama.

Is-Sur Ġużè Cardona qal li ma' kull qawmien politiku, il-Maltin ħassew il-ħtieġa li jaffermaw l-individwalità nazzjonali tagħhom u mhemm xejn aqwa għal dan il-għan mill-Ilsien. Kienet rebħa għall-

Maltin u għall-Għaqdiet tal-Malti li l-Ilsien u l-Innu Malti daħlu minn ta' quddiem fil-Kostituzzjoni ta' l-Indipendenza, iżda ħeġġeġ li kien għad baqa' ħafna x'isir. Waħda minn dawn kienet li nfakkru lill-Maltin kollha li għamlu ġieh lil Pajjiżna, u minn ta' l-ewwel kien Dun Karm. Għalhekk, Ġużè Cardona għarraf li kien kiteb lill-Karmen Buħaġar, li xtaq li ssir rħama mill-flus li kienet bagħtitlu biex iħejji kompetizzjoni ta' Essays. Din qablet bil-ferħa, u għalhekk ġie mgħarraf bil-ħsieb il-Kumitat Ċiviku ta' Ħaż-Żebbuġ li laqa' l-proposta u wiegħed li jieħu ħsieb l-organizzazzjoni taċ-ċerimonja. Is-Segretarju tal-Propaganda tagħna temm il-kelmtejn tiegħu billi qara xi versi li kiteb f'ġieh Dun Karm, li qegħdin inxandru f'parti oħra ta' din il-ħarġa.

Is-sinjora ta' l-Iskola ta' Ħaż-Żebbuġ, is-sinjorina Katherine Piscopo qrat diskors tassew tajjeb fuq il-ħajja u l-ħidma letterarja ta' Dun Karm, diskors li fil-qosor u bir-reqqa kollha ta dehra tabilħaqq ċara ta' kull ma għadda minnu l-Poeta Nazzjonali.

Wara, l-Arċipriet stieden lill-pro-neputi ta' Dun Karm, il-Kav. J.P. Vassallo, O.B.E. biex jikxef il-Lapida. Is-Sur Vassallo qabel m'għamel dan, faħħar lill-benefattriċi u lill-promoturi, għax hu dmir tan-nazzjonijiet ċivilizzati li jweġġħu lil min jistħoqqlu. Irringrazzja talli ġie mistieden biex jikxef l-irħama.

Imbagħad, Dun Lawrenz Cachia, li hu kittieb tajjeb u ħabib kbir tal-Malti, bierek il-lapida waqt li l-*buglers* tal-Brigata Sależjana daqqew salut.

Iċ-ċerimonja ntemmet bit-tqegħid ta' kuruni mill-Kumitat Ċiviku, mill-Akkademja tal-Malti li qegħedha s-Sur G. Zarb Adami, mill-Għaqda Letterarja Maltija, mill-Għaqda tal-Malti Università u fuq kollox *qalb tal-fjuri bojod u ħomor* li Karmen Mikallef Buħaġar talbet lis-Sur Ġużè Cardona jqiegħed b'turija tal-qima tagħha għal Dun Karm.

Fid-dar ta' l-Arċipriet sar trattament għall-mistednin.

Kelma ta' tifħir lill-Arċipriet u lill-Kumitat Ċiviku, l-aktar lill-Ass. Segretarju, is-Sur Michael Bonnici, li tħabat bla heda f'din l-okkażjoni.

KRONOS.